**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL
# IT-TMIEN KUNSILL
# SEDUTA NRU. 51 – 29 ta' Mejju 2023

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023 fit-3:00pm ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skuzat:** | Franco Ciangura | Viċi Sindku |

**51.1 Talba**

51.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

51.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**51.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

51.3.1 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura jinsab skużat peress li jinsab barra minn Malta.

**51.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

51.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi b'sodisfazzjon ħabbar li l-Kunsill Lokali t'Għajnsielem irnexxielu jikseb fondi mill-Project Green sabiex jitwettaq l-akbar proġett li qatt sar mill-Kunsill fil-lokalita' tagħna permezz tal-bini mill-ġdid tal-Playingfield Amabile Cauchi u rainwater harvesting. Fil-fatt, fil-16 ta' Mejju kien misiteden għall-konferenza ta' Project Green fejn fiha igħatajna l-aħbar sabiħa mill-Prim Ministru Robert Abela u CEO ta' Project Green Steve Ellul li l-Kunsill tagħna huwa wieħed mis-16 il-proġett li ġew mogħtija l-fondi sabiex jwettqu il-proġett li applikaw għalih. Il-proġett ser ikun jinkludi bit-tindif tal-Wied Simirat biex l-ilma tax-xita jgħaddi mit-tunnel ta' taħt Triq Wied ir-Rgħajjes u jinbnew żewg ġibjuni f'isfel tat-triq biex jissaffa l-ilma, l-overflow tagħhom terġa tgħaddi minn taħt il-Pjazza tad-Dehra u jinbnew żewġ ġibjuni oħra taħt il-Playing Field u jsir aċċess ta' taraġ għal

Wied. Fl-aħħar isir mill-ġdid il-proġett il-ġdid tal-Playing Field Amabile Cauchi. Dan il-proġett ser jiġi jiswa mal-miljun ewro li ġew miksuba f'€500,000 minn Project Green, €200 mill-Public Works Malta u €300 minn Ambjent Malta. Il-Kunsill faħħar dan l-akkwist b'risq il-lokalita' ta' Għajnsielem. Il-Playing Field ser ikun jinkludi public toilets, u ser isir taraġ b'aċċess għal wied li ser jitnaddaf mill-Ministeru għal Għawdex kif ukoll ser isir l-bini ta' Arkata. Dawn ix-xogholijiet iridu jintemmu kollha sas-sena 2025.

51.4.2 B'investiment ta' madwar €700,000 dan l-ispazju se joffri:

- Sistema ta' ilqugh tal-ilma tax-xita b'teknoloġija sabiex l-ħażna tal-ilma tmur għal ilma tal-pjan (water table), tisqija u bdiewa minflok jintilef fil-baħar;
- Bandli ġodda b'faċilitajiet ta' logħob għat-tfal ta' kull eta';
- Aċċenn kbir għal persuni b'diżabilita' inkluż dawk neqsin mid-dawl u tfal bl-awtiżmu;
- Spazju akbar ta' ambjent naturali;
- Faċilita' ta' lattrina pubblika';
- Spazju edukattiv dwar il-ħarsien tal-widien tagħna;
- Restawr tal-mina taħt l-Pjazza tad-Dehra.

51.4.3 Is-Sindku spjega kif il-permess ħareġ ftit tal-granet ilu u fil-ġimgħat li ġejjin il-Kunsill Lokali se jkun qed jiffinalizza l-aħħar dettalji ta' dan il-proġett. Tajjeb inżid li permezz ta' dawn il-fondi flimkien ma' fondi mid-Dipartiment tal-Public Works (Malta) u minn Ambjent Malta se nkunu qed ninvestu aktar minn €1,000,000 sabiex ċ-ċentru storiku jkun protett mill-għarar u ma nergħux naraw ix-xeni li seħħew f'Novembru ta' sentejn ilu. Bħala kunsill xieraq ngħidu grazzi lil Perit Godwin Sultana li ħadem bi sħiħ fuq dan il-proġett tant sabiħ u lil Project Green li emmnu fih. Il-Kunsill faħħar dan l-akkwist u rringrazzja lis-Sindku Kevin Cauchi tal-applkazzjoni b'saħħtiha li ssottometta.

51.4.4 Is-Sindu għamel referenza għal-laqgħa li kellu ma' diversi voluntiera u għaqdiet sabiex issir ikla ta' ringrazzjament lil Boxer ta' dixxendenza minn Għajnsielem Joe Cordina li reġa ġie klassifikat World Champion tal-Lightweight Feather Boxing. L-ikla ser issir quddiem il-każini fid-9 ta' Ġunju u l-Kunsill qabel li għandu jgħin fil-loġistika bil-kiri ta' sound, siggijiet u dawl.

51.4.5 Is-Sindku għamel referenza għall-festa ta' Sant Antnin u wera li tkun ħaġa sabiħa li bħala kunsilliera nkunu preżenti għall- attivitajiet.

51.4.6 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li l-Kunsill kellu ma' xi residenti ta' Triq Hamri u xi bdiewa ta' taħt il-Belvedere fuq talba tagħhom stess. Minn dak li ħareġ mill-laqgħa l-Kunsill Lokali Għajnsielem jixtieq jesprimi u jaqsam it-tħassib tagħhom rigward l-estensjoni l-ġdida tal-Grand Hotel li tinkludi numru ta' aperturi li mhux fil-permess oriġinali u li jistgħu jagħtu lok għal aktar żvilupp fuq art li s'issa għada tinħadem mill-bdiewa u għada fl-istat naturali. Minkejja li l-Kunsill Lokali qatt ma jkun ikkonsultat mill-PA b'mod dirett fuq proġetti maġġuri, sensittivi jew ODZ fil-lokalita' tagħna, xorta se jkun qed jara li dan il-pajsaġġ quddiem il-Belveder ta' Triq Ħamri li jagħti għal Wied tal-Imġarr jibqa fl-istat naturali tiegħu minghajr mittiefes. Il-Kunsill qed jagħmel kuntatt mad-Dipartiment tal-Lands u Planning Authority dwar din is-sitwazzjoni.

51.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li Għajnsielem FC Nursery qed jaħdmu fuq proġett żgħir sabiex jagħmlu rinovazzjoni ta' kamra u tiġi transformata f'changing room u talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex ngħinuhom f'dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li

għandu jipprovdi xi materjal f'dak li hu ftit metri ta' madum biex b'hekk dan il-proġett ikun ukoll sar b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

51.4.8 Is-Sindku rrefera għal laqgħa li kellu bħala membru tal-Kunsill Skolastiku Skola Primarja Għajnsielem inħasset il-ħtieġa li tinxtara popcorn machine li tintuża għat-tfal waqt events fl-iljieli sajfin, skola primarja ecc. L-ispiża biex tinxtara huwa ta' madwar€ 500. il-Kunsill qabel li għandha tinxtara minna unisilfuha lill-iskola bil-patt li nużawha meta jkollna xi attivita' tat-tfal.

51.4.9 Kellna talba mill-kaċċaturi San Ombertu sabiex jagħmlu esebizzjoni fil-lokalita' bil-kollaborazzjoni tal-kunsill. Il-wirja tikkonsisti minn roll-up banners u fuljett ta' informazzjoni skont l-informazzjoni u r-ritratti mehmuża. Il-wirja titpoġġa f'żona prominenti fl-uffiċċji tal-Kunsill għal ġimgħa. Il-Kunsill ma laqax it-talba għax iħoss li ma għandniex nidħlu f'kontraverzja dwar il-kaċċa.

## 51.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

51.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa dwar jekk taħt Chambray hux qed jerġa jigi ntużat għax qed ikun hemm xi barbeques. Sar qbil li għandna nerġghu nwaħħlu tabelli Strictly No BBQs.

51.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca faħħar it-tindif li sar minn Triq minn ta' Lourdes għal Chambray.

51.5.3 Il-kunsillier Mercieca talab sabiex ħarruba fi Triq ta' Lourdes jinħtieg li tinżabar.

51.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex nagħmlu cement ma' bankina fi Triq il-Ġnien.

51.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex issir tabella li tindika d-direzzjoni bejn Chambray u Ta' Lourdes.

51.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba ressaq t-talba għal mera fi Triq ta' Lourdes. Is-Sindku wieġbu li dik twaħħlet.

## 51.6 Vakanza ta' Assistent Principal

51.6.1 Is-Sindku rrefera għal-fatt li l-Uffiċjal Eżekuttiv tagħna Claire Hili tat ir-riżenja tagħha peress li ntagħzlet bħala Assistent Principal mal-Kunsill Lokali San Lawrenz.

51.6.2 Dan jirrikjedi li mmedjatament għandna noħorġu s-sejħa għall-impjegat ġdid. Il-Kunsill iddiskuta l-iskala assenjata mal-impjegat il-ġdid u qabel li minħabba l-volum kbir ta' xogħol responsabbli li hawn preżentament fil-Kunsill jirrikjedi nies ta' ċerta abilita' u jkun aqli li nassenjawh mar-rekwiziti ta' skala 11.

51.6.3 Sar qbil li għandna nipproċedu għas-sejħa nterna fil-Kunsilli Lokali b'effett immedjat. Sar qbil li kemm il-darba ma' jkun hemm l-ebda sottomissjoni għandna ngħaddu għall-pass li jmiss dak tal-Jobsplus.

51.6.4 Sar qbil li bħala Bord tal-Għażla għandu jkun kompost minn Joseph Ciantar, Lucienne Haber u Pauliana Said.

**51.7 Attivitajiet Iljieli Sajfin**

51.7.1 Is-Sindku rrefera għall- kalendarju mimli daqs bajda ta' attivitajiet li ser jorganizza l-Kunsill marbuta ma' Iljieli Sajfin. Sar qbil li l-programm ser ikun jinkludi fost oħrajn:-

- Bands nhar ta' Ġimgħa Pjazza Indipendenza
- Cocomelon night
- Bmx u Archery
- Boat trips edukattivi għal wara l-festa .
- Ħarġa għall-pubbliku ghan- National Aquarium bħala part mill-proġett Amppa.
- Għajnsielemfest : Preċentatur John Bundy - Mistednin Specjali The Buskers
- Echoes by the Sea -Kunċert Muzikali
- Lejla Maltija - Għana

**51.8 Update Proġetti**

51.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update dwar l-andament tal-proġetti kurrenti:-

51.8.2 **Playingfield Gudja** - Ix-Xogħol infrastrutturali u tad-dawl jinsab lest. Ser jinbeda l-aħħar saff tas-soft carpet. Jifdal li ssir l-irrigation, mulching u tindif.

51.8.3 **Triq Ħamri** - Ix-xogħol beda bit-tqegħid ta' servizzi tad-drenagg u ilma. Sar qbil li naghtu saff cement fuq it-trinek sabiex nevita l-problemi ta' trab li kellna is-sajf li għadda

51.8.4 **Pjazza Tolfa** - Qed nitennew lil kuntrattur jeħles l-aħħar fazijiet ta' xogħol li ghandu b'mod partikolari xogħol ta' ħadid u injam. Paul Stellini ġie mitlub jibgħat d dettalji tad-disnn tal-monument replika 'Familja' li bħalu hemm wkoll Tolfa.

51.8.5 **Librerija u Ċentru marittimu** - Is-Sindku spjega li nhargu l-offerti ghal ghamara u equipment iehor mill-programmi tal-Interreg AMPPA u Corallo. Sadanittant qed nistennew lill-kuntrattur jibda l-finishings fil-granet li jmiss.

51.8.6 **Public Convenience** - Ix-xogħol tkompla wara li tnehhew it-tankijiet tal-abestos.Tpoġġa travu kbir sabiex jitenħħa it-taraġ filwaqt li fuq barra flimkien mal-Enemalta u l-kuntrattur qed jinqala l-madum sabiex l-Enemalta tnehhi l-cables u eventwalment jitnehha l-arblu u l-wires tad-dawl.

51.8.7 **Proġett – Belveder Triq Qigħan** - Il-bankijiet waslu u huma sbieh hafna. Gbarna stimi tas-sigar tal-Palm u l-Kunsill qabel dwar l-ghazla taghhom. Il-ħitan tas-sejjieh jinsabu lesti u qed nistennew il-kuntrattur jkompli xoghol ta' cement u skavar u tqeghid madum.

51.8.8 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.** - Id - dokument tat-tender tal-fanali ġie ppublikat kif ukoll it-tender tal-bollards.

51.8.9 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja** - Id -dokument tat-tender ġie ppublikat.

51.8.10 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra** - Id -dokument tat-tender tal-fanali se jkun ppublikat fil-ġranet li jmiss u jkun lest ghall-pubblikazzjoni.

51.8.11 **Triq Daħlet l-Għama** - It-tender ġie awarded u kuntratt iffirmat. Il-pjan hu li jibda fil-ġranet li jmiss. Ġie maqbul li jsir wkoll xogħol ta' patching u titranġa parti żgħira ta' Triq ta' Għar ix-Xiħ li qegħda f'periklu li taqa.

51.8.12 **Bini Arkata** - Is-Sindku spjega kif il-Permess inħareġ aktar kmieni dan ix-xahar. Dan ma' kienx faċli u kien proġess ta' diversi snin. Qed nistennew il-BOQ tal-Perit sabiex napplikaw mad-DPF tal-Planning Authority għal bini ta' din l-istess arkata. Għaddej wkoll xogħol mal-ERA sabiex jinħareġ permess għal shifting ta' siġra tal-lewż.

51.8.13 **Ġnien Briegħen mal-Kunsill tax-Xewkija** - Qed jiġu ffinalizzati il-pjanti flimkien mal-Kunsill tax-Xewkija u ser issir l-applikazzjoni meħtiega minn naħa tagħhom.

## 51.9 Korsijiet għas-sajf

51.9.1 Sar qbil li matul is-sajf għandna norganizzaw korsijiet qosra edukattivi bħalma huma:-

- Tisjir
- Kompjuter għat-tfal
- Bizilla
- Crafts għat-tfal
- Aqra Miegħi

## 51.10 Ħruġ ta' offerti u evalwazzjoni tagħhom

51.10.1Sar qbil li għal offerti li nhargu u ser jagħlqu kif ukoll dawk li ser jinħarġu għandna naħtru l-Bord tal-Evalwazzjoni tagħhom biex inkunu nistgħu nipproċedu mal-għeluq tagħhom biex inġaffu l-proċess.

51.10.2 Bħala Bord ta' Evalwazzjoni għal dawn l-offerti ġie maqbul li l-membri jkunu kif ġej:-

| Tender/Quotation | Kompożizzjoni tal-Bord |
|---|---|
| Echoes by the Sea | Sindku Kevin Cauchi, Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, William Sultana, Dr Joshua Grech, Noel Formosa. |
| Dawl Triq J F De Chambray | Sindku Kevin Cauchi, Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, William Sultana, Dr Joshua Grech, Ing Joseph Azzopardi. |

| | |
|---|---|
| Proġett Faċċata Skola | Sindku Kevin Cauchi, Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, William Sultana, Dr Joshua Grech, Perit Godwin Sultana |
| Bollard Triq J F De Chambray | Sindku Kevin Cauchi, Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, William Sultana, Dr Joshua Grech, Perit Shawn Micallef |
| Għamara Ċentru Marittimu | Sindku Kevin Cauchi, Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, William Sultana, Dr Joshua Grech, Perit Godwin Sultana |
| Interactive Totems u LED | Sindku Kevin Cauchi, Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, William Sultana, Dr Joshua Grech, Dr Alan Deidun |
| Pjazza tad-Dehra Greenery | Sindku Kevin Cauchi, Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, William Sultana, Dr Joshua Grech, Perit Godwin Sultana |
| Lattrini Pubbliċi Mgarr | Sindku Kevin Cauchi, Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, William Sultana, Dr Joshua Grech, Perit Godwin Sultana |
| Diorama għaċ-Ċentru Marittimu | Sindku Kevin Cauchi, Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, Wiliam Sultana u Perit Godwin Sultana |
| Mudelli ta' Dgħajjes Ċentru Marittimu | Sindku Kevin Cauchi, Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, Wiliam Sultana u Perit Godwin Sultana |

**51.11 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

51.11.1 Ġiet preżentata l-iskeda numru 122 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**51.12 Materji oħra**

51.12.1Ma kienx hemm materji ohra x' jiġu diskussi.

**51.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-5:00pm. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**